**Laqgha Numru 04/K6/2013**

**Introduzzjoni**

Ir-Raba' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.15 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata. **(Ara Dok. A)**

Ghall-parti mill-laqgha, fuq talba tal-Kunsill, kien hemm prezenti l-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 ta' Frar 2013. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2013.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K6/2013.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 02/K6/2013**
- **04. Punti li johorgu mill-Laqgha tal-Lokalita' 02/K6/2013.**
- **05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **07. Mistoqsijiet.**
- **08. Korrispondenza.**
- **09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **11. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2012.**
- **12. Budget 2013.**
- **13. Business Plan 2013 – 2015.**
- **14. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **15. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2013.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 01/K6/2013 kif pprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex items 11, 12, 13 u 14 jigu diskussa qabel il-kumplament ta' l-agenda.

1.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2012.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta r-rapport lill-Kunsill **(Ara Dok. B)** u wara talab lill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport lill-Kunsill.

11.02. Wara l-ispjegazzjoni ta' l-Accountant, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Budget 2013.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta r-rapport lill-Kunsill **(Ara Dok. C)** u wara talab lill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport lill-Kunsill. Il-kelliem fakkar li l-ewwel draft kien diga gie approvat qabel il-laqgha tal-lokalita'.

12.02. Wara l-ispjegazzjoni ta' l-Accountant, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Business Plan 2013 - 2015.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta r-rapport lill-Kunsill **(Ara Dok. D)** u wara talab lill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport lill-Kunsill. Il-kelliem fakkar li l-ewwel draft kien diga gie approvat qabel il-laqgha tal-lokalita'.

13.02. Wara l-ispjegazzjoni ta' l-Accountant, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.05. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Accountant Romina Perici Ferrante u talabha tirtira.

## 14. Approvazzjoni tal-kontijiet.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. E, F, G u H)**

14.02. Wara li l-Kunsillieri raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet b'dak it-tnaqqis irrakkomandat mill-Works Manager.

14.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K6/2013.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2013.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 02/K6/2013 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2013.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 003/2012** b'rapport tal-laqgħa li saret mar-residenti Sit A 1-4 **(Ara Dok. I); Internal Memo 004/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Malta Judo Federation **(Ara Dok. J)** u **Internal Memo 005/2013** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 02/K6/2013 u 04/K6/2013 **(Ara Dok. K).**

5.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 003/2012, is-Sindku Joe Zammit irrimarka li ghal din il-laqgha flimkien mieghu kienu prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, fejn fost affarijiet

diskussi mar-residenti kien hemm talba biex jizdiedu zewg bins on wheels ohra f'din iz-zona. Ghalhekk il-kelliem ghan-nom tar-residenti ppropona li l-Kunsill ipoggi zewg skips ohra skond ir-rati tat-tender, liema skips ghandhom jitpoggew hdejn it-tlett skips l-ohra li hemm off Triq Pietru D'Armenia.

5.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 5.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-10 ta' Jannar u t-13 ta' Frar 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/0256/13/I**
**14/01/2013**
E-mail minghand MaLia fejn baghtu l-guidelines & standards for Public Lending Branch Libraries.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0256/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0282/13/I**
**14/01/2013**
E-mail minghand Roccalumera fejn baghtu x'informazzjoni fuq il-progett li jaqa' taht il-progamm Youth in Action fejn grupp ta' zghazagh li ma jahdmux jistghu imorru Roccalumera sabiex jiddiskutu l-problema ta' disokkupazzjoni.

**46/0332/13/I**
**16/01/2013**
E-mail minghand Roccalumera fejn ipproponiet sabiex il-Kunsill jorganizza progett ukoll, sabiex bil-progett ta' Roccalumera jitla' grupp Malti gewwa Roccalumera u bil-progett ta' Pembroke jigu huma gewwa Malta.

**46/0466/13/I**
**23/01/2013**
E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-proposta ta' Roccalumera nforma lill-Kunsill li huwa jaqbel li ghalissa nahdmu fuq il-proposta li jitla' grupp minn Pembroke ghal Roccalumera kif kien gie approvat fl-ahhar laqgha nkluz li ghandu jkun Kunsill gdid li jiddeciedi japplikax jew le sabiex jigu grupp Malta minn Roccalumera.

**46/0603/13/I**
**30/01/2013**
E-mail minghand il-Kunsillier Lauro Fava fejn b'riferenza ghall-proposti mibghuta minn Roccalumera nforma lill-Kunsill li peress li mhux ser

jikkontesta ghall-elezzjoni tal-Kunsilli ma jhossx li ghandu jorbot lill-Kunsill gdid bi progetti godda u ghalhekk decizjoni bhal din ghandha tittiehed minn Kunsill gdid ghalkemm jaqbel fil-principju.

8.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0282/13/I, 46/0332/13/I, 46/0466/13/I u 46/0603/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li mhux perjodu li l-Kunsill jidhol ghal aktar impenji simili meta waslet l-elezzjoni.

8.04. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0296/13/I** **15/01/2013** GreenPak baghtu collaboration agreements 2013 sabiex jigu ffirmata.

8.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0296/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill diga kien approva li l-kuntratt ikun estiz sa l-ahhar ta' April 2013.

**46/0381/13/I** **18/01/2013** E-mail minghand il-Kuntrattur li jahdem ma' Transport Malta fejn baghat il-lista ta' sigar sabiex jinzerghu fil-lokal: 4 Pinus Halipensis, 3 Quercus ilex, 4 Olea europea u 4 laurus nobilis kollha twal 2 metri.

8.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0381/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li t-thawwil ta' dawn is-sigar ha hsibhom il-kuntrattur Charles Mifsud.

**46/0430/13/I** **22/01/2013** E-mail minghand l-Onor. Dr. Leo Brincat fejn b'riferenza ghall-korrispondenza li ghaddiet ma' Topline dwar il-parkegg fi Triq Arnhem talab biex il-Kunsill jerga' jirrikunsidra t-talba mill-gdid f'isem l-istabbilimenti kummercjali.

8.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0430/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Onor. Leo Brincat li decizjoni tal-Kunsill ser tibqa' l-istess u din tista' tinbidel wara sitt xhur u/jew Kunsill gdid jista' jiddiskuti din il-materja qabel jghaddu sitt xhur permezz ta' rizoluzzjoni specjali.

8.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0431/13/I** **22/01/2013** E-mail minghand l-iskola Sekondarja tal-Bniet fejn informat il-Kunsill li l-istudenti tal-Form 4 qed jiehdu sehem fi progett u talbu l-Kunsill ihallas €25 li jikkonsisiti f'xiri ta' haxix frizat u f'bottijiet u bhala rikonoxximent ser iqasmu flyer waqt science week u fih ser jitnizzel li l-progett sar bl-ghajnuna tal-Kunsill.

**46/0451/13/I** **22/01/2013** E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtu l-iskola Sir Adrian Dingli talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

**46/0467/13/I** **23/01/2013** E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li baghtu l-iskola Sir Adrian Dingli nforma l-Kunsill li m'hemmx ghalfejn nistennew sal-laqgha tal-Kunsill biex napprovaw n-nefqa ta' €25 u talab isir komunikat mal-Kunsilliera.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0431/13/I, 46/0451/13/I u 46/0467/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tkun approvata din it-talba bhala inizjattiva edukattiva flimkien mal-Kunsill.

8.12. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0570/13/I**
**29/01/2013**
E-mail li l-Kunsill ircieva minghand l-Avukat tal-Kunsill jirrakkomanda li l-Kunsill jappella kontra d-decizjoni tal-Qorti favur it-talba tas-sur Mario Mallia.

**46/0575/13/O**
**29/01/2013**
E-mail li l-Kunsill baghat lill-avukat fejn staqsejna xi proceduri u xi spejjez hemm sabiex il-Kunsill jappella u tlabna jibghat kopja tas-sentenza.

**46/0576/13/I**
**29/01/2013**
E-mail minghand l-Avukat tal-Kunsill fejn informa l-Kunsill li biex nappellaw l-ispiza hija daqs il-kaz ta' l-Alternative Technologies.

**46/0783/13/I**
**11/02/2013**
E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-appell dwar il-kaz tas-sur Mario Mallia nforma l-Kunsill li huwa jaqbel li nimxu mal-parir ta' l-avukat tal-Kunsill u talab nikkomunikaw mal-Kunsilliera.

8.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0570/13/I, 46/0575/13/O, 46/0576/13/I u 46/0783/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tkun ratifikata din id-decizjoni li kien hemm qbil mill-maggoranza tal-Kunsillieri li jsir l-appell minhabba z-zmien marbut biex isir l-appell.

8.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0579/13/I**
**30/01/2013**
Ittra minghand Transport Malta fejn baghtu applikazzjoni minghand is-Sur Maurice Mallia li joqghod Dr C, Flt 7, Triq Juno fejn applika ghall-parkegg riservat.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0579/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba tkun milqugha mill-Kunsill.

8.18. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0581/13/I**
**30/01/2013**
Kwotazzjoni ta' €1,672.50 minghand il-MED Developers, Designers and Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' 2 lampi fejn Blk 6 Triq Dun Guzepp Farrugia.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0581/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-istima tkun accettata, jigi ordnat ix-xoghol u jigu nfurmata r-residenti koncernata.

8.21. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0661/13/I**
**04/02/2013**
E-mail minghand il-pulizija fejn staqsew jekk il-Kunsill jixtieqx l'issir laqgha mas-Sessjoni ta' Drogi.

8.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0661/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Pulizija li m'hemmx bzonn ta' laqgha la ghax-xahar ta' Frar u lanqas Marzu sakemm ma jkunx hemm htiega urgenti. Il-kelliem irrakkomanda li laqghat issa ghandhom isiru mal-Kunsill gdid fix-xahar ta' April.

8.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0686/13/I** **05/02/2013** E-mail minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-iskemi ta' Residential Parking Scheme nformaw lill-Kunsill li z-zona ta' Triq Patri Serafin u Dun Guzepp Farrugia mhux kwalifikati ghall-iskema u rigward z-zewg zoni l-ohra (ta' Triq Normandy u n-naħa ta' San Gorg) nformat lill-Kunsill li dawn ikunu applikati fil-weekends fil-hin ta' filghaxija biss, li l-hin ghandu jkun aktar minn 30 minuta u li l-Kunsill mitlub jaghmel konsultazzjoni mal-GRTU u wara jerga' jinforma lil TM.

8.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0686/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lil TM li l-Kunsill ma jaqbilx li f'din iz-zona ta' Patri Serafin Zarb u Dun Guzepp Farrugia m'hemmx bzonn ta' Residential Parking specjalment meta jkun hemm il-loghob tal-futbol. Fil-kaz l-iehor il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirrakkomanda li minflok 30 minuta tkun 60 minuta kif ukoll l'issir laqgha mal-GRTU kif mitlub. Il-kelliem ippropona wkoll li r-residenti jigu nfurmata b'dan.

8.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0739/13/I** **07/02/2013** E-mail minghand l-MTA fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar iz-zamma u manutenzjoni ta' Gnien Pembroke nforma lill-Kunsill li l-ahjar li l-MTA thallas tlett xhur f'daqqa umbghad xahar b'xahar b'lura.

8.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0739/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tkun accettata din il-proposta.

8.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0743/13/I** **08/02/2013** E-mail minghand Ronald Bezzina fejn b'riferenza ghal tender 6/2009 informa lill-Kunsill li ma jixtieqx li dan jigi mgedded.

8.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0743/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**460764/13/I** **11/02/2013** E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn ikkonferma li s-Sibt 9 ta' Frar saret l-ispezzjoni tal-culvert ta' Triq Dun Guzepp Farrugia u nforma l-Kunsill li huwa jhoss li m'ghandux ikun hemm problema li jinghalaq il-culvert minnaha tal-klabb ta' Luxol.

8.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0764/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-klabb tal-Luxol biex jaghmel ix-xoghol kif talbu huma u approva l-Perit tal-Kunsill wara spezzjoni li ghamel, u dan min fondi/kuntrattur taghhom u mhux mill-Kunsill.

8.34. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0769/13/I** **11/02/2013** E-mail minghand is-Sur Raphael Carabott fejn baghat ir-rapport flimkien mac-certifikazzjoni tal-kont ta' l-Absolute Cleaners ghax-xahar ta' Jannar 2013.

**46/0774/13/O** **11/02/2013** E-mail li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-membri kollha tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill ukoll li wara laqgha li kellu fil-jiem li ghaddew kemm mal-CM kif ukoll mas-sur Luke Bajona f'isem il-kumpanija Absolute Cleaners, u dan ukoll fid-dawl tal-kummenti li saru fil-laqgha tal-lokalita', ihoss li l-kont kif approvat mill-CM dwar ix-xoghol li sar ghax-xahar ta'

Jannar mill-kumpanija Absolute Cleaners huwa konservattiv wisq u dan jirrizulta ukoll wara spezzjoni li saret flimkien mal-CM u s-sur Bajona stess tas-siti kollha fil-lokal. Fl-istess ittra ntalbu wkoll il-kummenti tal-Kunsilliera.

8.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0769/13/I u 46/0774/13/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.37. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li Tender 08/2011 for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries jiskadi fit-3 ta’ Gunju 2013, ghalkemm jekk il-Kunsill ikun irid ikun jista’ jgeddu ghall-perjodu ta’ sena ohra. Il-kelliem gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li biex jinhareg kuntratt gdid u jkun aggudikat hemm zmien ta’ mil-inqas xaghrejn biex isir dan il-process.

8.38. Wara diskussjoni li kien hemm il-Kunsillier Lauro Fava ppropona li dan it-tender m’ghandux jiggedded u l-kuntrattur ghandu jigi nfurmat minn issa b’dan.

8.39. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.40. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw kontra.

8.41. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota kontra u ghalhekk il-mozzjoni m’ghaddietx.

8.42. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li kien ivvota kontra minhabba li jhoss li dan is-suggett ghandu jkun item fuq l-agenda tal-laqgha u mhux diskuss waqt korrispondenza b’riferenza ghar-rapport tal-CM.

8.43. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li: Kien ghamel il-proposta minhabba li kien dan il-Kunsill li kien approva l-ghoti tat-tender lil dan il-kuntrattur; Il-fatt li waqt il-laqgha pubblika deher car li r-residenti m’humiex kuntenti bis-servizzi tieghu, kif ukoll minhabba li Kunsill gdid ftit ikollu cans jevalwa l-fatt jekk tender ghandux jiggedded jew jitwaqqaf. Il-kelliem irrimarka li huwa jhoss li dan il-Kunsill ghandu jerfa’ r-responsabilita’ u ghalhekk m’ghandux igedded il-kuntratt.

8.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li mhux qed jaqbel ghax hija rrelevanti li Kunsill gdid ma jkollux cans jiddeciedi meta baqa’ sal 4 ta’ Gunju u ghalhekk ghandu jkun Kunsill gdid li jiehu decizjoni, wara kollox wasal iz-zmien ta’ gheluq is-sena.u jista’ jkun deciz dak inhar. Qal li ga kien hemm decizjonijiet fuq kuntratti ohra li jiehu decizjoni Kunsill gdid.

8.45. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jara jekk dan jistax jigi diskuss bhala item fuq l-agenda fil-laqgha li jmiss fid-dawl tad-decizjoni li ttiehdet u biex ikun hawn il-membri kollha tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li mhux ser ikun huwa li ser iwaqqaf lill-kuntrattur issa meta dan ghandu sa’ l-4 ta’ Gunju u ma hemm xejn li jorbot lil dan il-Kunsill li bilfors irid jiddeciedi issa.

8.46. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li kien ivvota favur abbazi ta’ l-ilmenti kollha li qed ikollu l-Kunsill minghand ir-residenti tal-lokal.

**46/0770/13/I** **11/02/2013** E-mail minghand Emcare indirizzata lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn talab laqgha mal-Kunsill dwar it-tahdidiet li qed joffru b'xejn lill-anzjani tal-lokal.

**46/0795/13/I** E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-

**11/02/2013** email li baghtu Emcare indirizzata lill-Vici Sindku nformat lill-Kunsill li hija responsabbli mill-edukazzjoni u s-sahha u ghalhekk il-kumpanija ghandhom jigu nfurmata b'dan.

8.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0770/13/I u 46/0795/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir din il-laqgha ma' l-Emcare u li ma jara xejn hazin li Emcare baghat email indirizzata lill-Vici Sindku, wara kollox din il-korrispondenza titkellem rigward laqghat t'informazzjoni 'for the elderly in our communities' u huwa l-Vici Sindku li huwa l-persuna responsabbli mill-anzjani.

8.48. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0794/13/I**
**11/02/2013** Ittra minghand Pembroke Athleta Athletics & Triathlon fejn informa l-Kunsill li ser issir 19 il-edizzjoni tal-maratona tal-giri fit-toroq ta' Pembroke u Swieqi nhar l-Hadd 14 ta' April 2013 fit-8.30am u talbu l-approvazzjoni mill-Kunsill, notifika lir-residenti ta' triq l-Imhallef William Harding, 3 gwardjani lokali, patching ta' triq Martin Luther King u 8 trofej.

8.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0794/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-attivita' kemm lokali kif ukoll nazzjonali bhal ma sar is-sena li ghaddiet jigifieri li jinhargu l-permessi kollha necessarja u jara li jkun hawn Gwardjani Lokali prezenti biex jidderigu t-traffiku.

8.51. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0799/13/I**
**11/02/2013** Korrispondenza minghand Pembroke Athleta bl-ispejjez relatata mat-tornament internazzjonali li ser jorganizza l-Kunsill bi shab mal-klabb sportiv.

**46/0800/13/I**
**12/02/2013** Korrispondenza minghand Pembroke Athleta bl-ispejjez relatata mal-hlasijiet tar-referees li jammontaw ghal €490.00.

**46/0803/13/I**
**12/02/2013** Korrispondenza minghand Pembroke Athleta bl-ispejjez relatata mat-trasport li jammontaw ghal €755.20.

8.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0799/13/I, 46/0800/13/I u 46/0803/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ikun awtorizzat jigbor il-kwotazzjonijiet u l-istimi necessarja.

8.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0806/13/I**
**12/02/2013** Kwotazzjoni minghand Hamilton Travel ghall-biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett ta' l-EU OSDDT u dan ghall-prezz ta' €213.00.

**46/0812/13/I**
**12/02/2013** Kwotazzjoni minghand Untours ghall-biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett ta' l-EU OSDDT u dan ghall-prezz ta' €210.00 (Alitalia) jew €212.00 (Airmalta).

**46/0813/13/I**
**12/02/2013** Kwotazzjoni minghand Eurtours ghall-biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett ta' l-EU OSDDT u dan ghall-prezz ta' €227.57.

**46/0826/13/I**
**12/02/2013** Kwotazzjoni minghand Alpine Travel ghall-biljetti ta' l-ajru konnessa mal-progett ta' l-EU OSDDT u dan ghall-prezz ta' €211.57 jew €219.76.

8.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0806/13/I, 46/0812/13/I, 46/0813/13/I u 46/0826/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Alpine Travel minhabba li huwa ghaqli li ghal ftit tintaghzel l-offerta ta' l-Airmalta. Il-kelliem ippropona wkoll li ghal din il-konferenza, ir-rapprezentanti tal-Kunsill ghandhom ikunu akkumpanjata mis-sur Alberto Nuozzi bhala l-konsulent ta' Zum Coop li qed jahdem fuq il-progett kif ukoll possibilment minn Dr. Saviour Formosa li kien ghamel ir-rapporti u/jew rapprezentant ta' l-MTA u dan minhabba li l-ghan tal-progett huwa l-izvilupp sostenibbli dwar l-uzu u l-impatt tal-hamrija minn zvilupp turistiku.

8.57. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0835/13/I**
**13/02/2013**
Talba minghand Ms. Chloë RINGEONNEAU (Studenta Franciza) biex taghmel workphase mal-Kunsill bejn il-21 ta' Mejju u t-28 ta' Gunju 2013. (f'dan il-perjodu l-Kunsill diga ser ikollu studenta ohra franciza)

8.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0835/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

8.60. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda zieda t'attivitajiet ghajr dawk diga decizi.

## 15. Materji ohra.

15.01. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex isiru tabelli li jindikaw li ma jistghux jinqatghu jew jinzabru sigar mill-lokal minghajr il-permessi necessarja nkluz l-approvazzjoni tal-Kunsill anke jekk ikunu sigar mejta. Il-kelliem ippropona li ghalissa ghandhom jigu ordnata 6 tabelli u jitferxu mal-lokal.

15.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.04. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jigi rrangat il-hajt ta' wara Blokk 9 fi Triq ir-Regimenti Maltin minhabba li ser jaqa'.

15.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat tixtieq li jsiru korsijiet minghajr hlas dwar healthy ageing, nutrition, zumba u keep fit.

15.08. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li dan ma jistax isir minhabba li jikkostitwixxi donazzjoni in kind.

15.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xtaqet li tinstab soluzzjoni ghall-problema kkawzata minn parking fi Triq Gio Felice Inglott c/w Triq Dun Amabile Sisner.

15.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jitnehha l-parkegg li hemm fit-tarf ta' Triq Gio Felice Inglott kantuniera ma' Triq Dun Amabile Sisner.

15.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 20 ta' Frar fil-11.00am jaghlqu t-tenders ta' l-OSDDT filwaqt li l-Gimgha 22 ta' Frar jaghlqu tal-gonna u talab biex zewg rapprezentanti tal-Kunsill ikunu prezenti halli jkunu jistghu jinfethu fil-hin.

15.14. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dakinhar li jaghlqu t-tenders ser isiru laqghat tal-Kunsill filghaxija ghalihom biss biex jigu aggudikata jigifieri wahda nhar l-Erbgha 20 ta' Frar fil-5.30pm u ohra nhar il-Gimgha 22 ta' Frar fil-5.30pm.

15.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-4 bins li twahhlu fil-parkegg ta' fejn Pembroke Athleta sparixxew.

15.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lilll-Kunsill li Ms. Caroline Cutajar Micallef li tiehu hsieb persuni bi bzonnijiet specjali tixtieq iggib 2 persuni l-Kunsill biex jaghmlu xi hin jaraw ix-xoghol tal-Kunsill.

15.17. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

15.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex il-Kunsill ikun jista' jaghmel uzu mill-arkati li hemm maghluqa biswit il-Kunsill, liema post m'ghandu ebda uzu. Il-kelliem qal li jekk dan il-permess jinghata jkun jista' jizdied mal-kera tal-Kunsill u jintuza bhala store u arkivji.

15.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill lista t'ilmenti li hemm bzonn azzjoni dwarhom. **(Ara Dok. L)**

*15.24. Ilment - Talba biex issir tabella li tfal ma jistghux jilghabu bil-ballun fi Triq San Gorg Preca.*

15.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba ma tistax tigi milqugha.

15.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.28. Ilment – Talba biex issir sleeping police fi Triq Pietru D'Armenia int u sejjer ghall-bandli l-gdid.*

15.29. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex din issir fit-tarf ta' Blokk 6 qabel il-pjazzetta.

15.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.32. Ilment - Talba biex issir mera fi Triq il-Mediterran faccata ta' dar numru 75 ghal min ikun gej minn Triq il-Fortizza.*

15.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba ma tistax tigi milqugha minhabba li hemm bizzejjed spazju biex wiehed jara t-traffiku li jkun gej.

15.34. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

15.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.36. Ilment – Talba biex jigi rrangat cint li waqa xi gebel minnhu fi Triq Jum Pembroke.*

15.37. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirranga dan il-hajt.

15.38. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

15.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.40. Ilment - Talab biex tigi rrangata t-tarf tal-bankina fi Triq Kurunell Cocks, minn quddiem numru 4 sal-kantuniera.*

15.41. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir dan ix-xoghol.

15.42. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

15.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.44. Ilment – Talba biex issir bankina fi Triq Burma, faccata tal-Fortizza ghax* it-triq hija *perikoluza hafna.*

15.45. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghalissa din mhux rakkomandabbli l'issir minhabba prijoritajiet ohra.

15.46. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

15.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.48. Ilment - Talba biex terga' ssir il-mera li kien hemm fejn Blk 3 St Patricks minhabba li nkisret il-plastic taghha bil-maltemp.*

15.49. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-mera tigi ordnata.

15.50. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

15.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

*15.52. Ilment - Talba biex jigi livellat it-tarmak taht il-bankina fejn dar numru 216 u 218 Triq l-Imhallef William Harding ghax izomm hafna ilma.*

15.53. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan mhux kaz ta' patching izda jidher li hemm bzonn li tinbena mill-gdid parti mit-triq u ghalissa din ma tistax issir.

15.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.56. *Ilment - Talba biex tigi rrangata l-bankina specjalment quddiem numru 2, Triq Ferdinand Gregh ghax imkissra.*

15.57. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill sabiex jispezzjona s-sit u jinforma lura lill-Kunsill.

15.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.60. *Ilment - Talba li l-bus stop ta' Triq Burma jiccaqlaq minn fejn qed minhabba li meta tieqaf l-arriva l-kbira timblokka t-triq.*

15.61. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li TM ghandhom jigu nfurmata b'dan.

15.62. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

15.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.64. *Ilment - Talba biex isir xi patching fit-triq li taghti ghall-IRMCC u ghall-BMX.*

15.65. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li min ghamel l-ilment ghandu jigi nfurmat li ghadu kif sar xoghol fl-akwati u li ghalissa t-triq hija fi stat dicenti.

15.66. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.68. *Ilment - Talba sabiex il-mera li twehhlet fi Triq Burma faccata ta' Triq Don Luigi Rigord ticcaqlaq minn hemm minhabba li facli li xi hadd jitla' maghha u jkollu access ghall-gallarija.*

15.69. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir spezzjoni halli l-Kunsill jara jekk jistax jinstab sit alternattiv.

15.70. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

15.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.72. *Ilment - Talba biex issir sleeping police fit-tarf ta' Triq Patri Indri Vella qabel ma tohrog ghal Triq Don Luigi Rigord.*

15.73. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba mhux gustifikata.

15.74. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.76. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fi 7.45pm, wara li ntlahaq ftehim li l-laqghat li jmiss ser isiru nhar **l-Erbgha 20 ta' Frar fil-5:30pm** bl'agenda tkun adgudikazzjoni ta' tenders li ser ikunu qed jinfethu filghodu**, il-Gimgha 22 ta' Frar fil-5:30pm** bl-agenda tkun adgudikazzjoni ta' tenders li ser ikunu qed jinfethu filghodu**, l-Erbgha 20 ta' Marzu 2013 fil-5:30pm** laqgha normali tal-Kunsill u l-ahhar laqgha tkun nhar **is-27 ta' Marzu** biex skond l-ATT tal-Kunsill Lokali jigu approvati il-Minuti tal-laqgha ta' l-20 ta' Marzu 2013 qabel jibda jiffunzjona Kunsill gdid.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |